MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 257/2001/1

**Power Projects Ltd.**

**vs**

**Pyramid Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 15 ta’ Frar 2001 u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta fl-ammont komplessiv ta' mija u hamest elef Liri Maltin (Lm105,000) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-import ta' wiehed u ghoxrin kambjala tal-valur ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000)-il wahda, liema kambjali skadew u saru dovuti rispettivament fl-1 ta' Gunju 1998, fil-15 ta' Gunju 1998, fis-16 ta' Gunju 1998, fl-1 ta' Lulju 1998, fil-15 ta' Lulju 1998, fis-16 ta' Lulju 1998, fl-1 ta’ Awwissu 1998, fis-16 ta' Awwissu 1998, fl-1 ta' Settembru 1998, fis-16 ta' Settembru 1998, fl-1 ta' Ottubru 1998, fis-16 ta' Ottubru 1998, fl-1 ta' Novembru 1998, fis-16 ta' Novembru 1998, fis-16 ta' Dicembru 1998, fis-16 ta' Jannar 1999, fis-16 ta' Frar 1999, fis-16 ta' Marzu 1999 u fis-16 ta' Lulju 1999, fis-16 ta' Awwissu 1999 u fis-16 ta' Settembru 1999 (Doks. A1 - A21).

Illi llum l-imsemmi ammont huwa kreditu cert, likwidu u dovut tas-socjeta` attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u fil-fehma tas-socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti **mill-Artikoli 167-170** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas tal-imsemmi ammont (Dok. B).

Illi *nonostante* diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-**Artikoli 167-170** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici l-ammont komplessiv ta' mija u hamest elef Liri Maltin (Lm105,000) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-import ta' wiehed u ghoxrin kambjala tal-valur ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000)-il wahda, liema kambjali skadew u saru dovuti rispettivament fl-1 ta' Gunju 1998, fil-15 ta' Gunju 1998, fis-16 ta' Gunju 1998, fl-1 ta' Lulju 1998, fil-15 ta' Lulju 1998, fis-16 ta' Lulju 1998, fl-1 ta' Awwissu 1998, fis-16 ta' Awwissu 1998, fl-1 ta' Settembru 1998, fis-16 ta' Settembru 1998, fl-1 ta' Ottubru 1998, fis-16 ta' Ottubru 1998, fl-1 ta' Novembru 1998, fis-16 ta' Novembru 1998, fis-16 ta' Dicembru 1998, fis-16 ta' Jannar 1999, fis-16 ta' Frar 1999, fis-16 ta' Marzu 1999 u fis-16 ta' Lulju 1999.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli mid-dati tar-rispettivi skadenzi sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-12 ta’ Jannar 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Pyramid Hotels Limited datata 30 ta’ Marzu 2001 (fol 30) fejn esponiet:-

1. Preliminarjament illi s-socjeta` attrici ghandha ggib il-prova illi hija tipposjedi l-kambjali *de quo,* u dan billi tiddepozita l-kambjali originali fl-atti ta’ din il-kawza;

2. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi sa fejn jafu rapprezentanti tas-socjeta` eccipjenti, il-kambjali *de quo* gew girati a favur ta' terzi u ghalhekk l-azzjoni kambjarja tispetta lil dawn it-terzi u mhux lis-socjeta` attrici;

3. Illi, kemm-il darba jirrizulta li l-kambjali gew girati a favur ta’ terzi kif premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-kambjali *de quo* ma gewx protestati ghal nuqqas ta' pagament *a tenur* tal-Artikolu 191 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-pretensjoni hija eccessiva, tenut kont ta' numru ta' pagamenti li s-socjeta` eccipjenti effetwat u li l-kambjali relattivi ghal dawn il-pagamenti ma gewx ritornati lilha mis-socjeta` attrici;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-relazzjoni tal-Perit Komputista John A. Bonnici pprezentata fid-19 ta' Settembru 2006 a fol 122 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' April 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta regghet issejhet il-kawza deher Dr. Aldo Vella ghall-kumpanija attrici. Il-kumpanija konvenuta u l-Avukat taghha msejhin tliet darbiet ma dehrux. Dr. Vella talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Mejju 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni tal-Qorti il-kawza giet differita ghat-3 ta' Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza fejn s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta' l-ammont ta' Lm105,000 bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-import ta' wiehed u ghoxrin (21) kambjala tal-valur ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) -il wahda, liema kambjali skadew u saru dovuti rispettivament fl-1 ta' Gunju 1998, fil-15 ta' Gunju 1998, fis-16 ta' Gunju 1998, fl-1 ta' Lulju 1998, fil-15 ta' Lulju 1998, fis-16 ta' Lulju 1998, fl-1 ta' Awwissu 1998, fis-16 ta' Awwissu 1998, fl-1 ta' Settembru 1998, fis-16 ta' Settembru 1998, fl-1 ta' Ottubru 1998, fis-16 ta' Ottubru 1998, fl-1 ta' Novembru 1998, fis-16 ta' Novembru 1998, fis-16 ta' Dicembru 1998, fis-16 ta' Jannar 1999, fis-16 ta' Frar 1999, fis-16 ta' Marzu 1999 u fis-16 ta' Lulju 1999, fis-16 ta' Awwissu 1999 u fis-16 ta' Settembru 1999. Kopja tal-kambjali jinsabu esebiti bhala Dok. "A1" sa Dok. "A21" mac-citazzjoni attrici u l-originali tal-kambjali esebiti mac-citazzjoni bhala **Dokumenti A1-A10** u **Dok A15** , (11-il kambjala), gew esebiti b'nota datata l-11 ta' Mejju 2001, a fol 43 tal-process, u dawk rimanenti b'nota tas-7 ta' Novembru 2011 a fol 64. tal process, u jinsabu mizmuma bhala esebiti fis-'safe' tar-Registru tal-Qorti.

Illi s-socjeta` konvenuta ipprezentat l-eccezzjoni li dawn il-kambjali gew girati. Fit-trattazzjoni rrizulta li xi kambjali kienu gew iggirati *in blank* u mizmumin mill-Bank of Valletta p.l.c. bhala garanzija ghall-facilitajiet bankarji moghtija lis-socjeta` attrici. Fuq dan xehed **Mario Pullicino[1],** *manager* mal-Bank of Valletta p.l.c. li kkonferma li l-Bank kellu f'idejh 10 kambjali mahrugin mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici, li kienu qed jinzammu bhala sigurta' ghall-facilitajiet bankarji moghtija lill-"*Power Projects Limited*", liema kambjali gew girati "*in blank*". Dawn il-kambjali ma gewx imhallsa. Hu esebixxa kopji awtentikati tal-kambjali originali mmarkati bhala **Dok MP1 sa MP10** a fol. 33-42 tal-process. Ikkonferma wkoll li l-Bank kien kiteb ittra interpellatorja ghall-hlas lis-socjeta` konvenuta.

---

[1] Seduta tal-11 ta' Mejju 2001.

Wara li xehed Mario Pullicino, l-originali tal-kambjali li kienu mizmuma mill-Bank gew esebiti fl-atti mis-socjeta` kreditrici. Ma kienx hemm spjegazzjoni kif regghu gew f'idejn is-socjeta` attrici, izda bhala rizultat ta' dan il-Qorti tifhem li s-socjeta` attrici hija l-pussessur tal-kambjali u b'hekk tista' validament tipprocedi kontra s-socjeta` konvenuta ghall-hlas taghhom. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet qed jigu michuda.

Illi bir-raba' eccezzjoni taghha, is-socjeta` konvenuta allegat li t-talba attrici hija eccessiva peress li saru numru ta' pagamenti, b'dan li allura l-ammont pretiz ma huwiex kollu dovut.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Rigward din l-eccezzjoni, l-materja ghandha tigi rigwardata fil-qafas ta' l-azzjoni kambjarja. Hi regola fl-azzjonijiet kambjarji li l-kambjali huma prova tal-kontenut taghhom. Dawn il-kambjali jikkostitwixxu mhux biss it-titolu ghall-pagament imma wkoll iservu ta' ricevuta tal-hlas taghhom. Issa jinsab deciz illi la darba l-attur juri li hu l-possessur tal-kambjali "*Id-debitur tal-kambjali ma jistax jirrifjuta l-pagament lill-possessur hlief fil-kaz ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-possessur".* (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1366**).

Ikkonsidrat li skont **l-artikolu 195 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta**

"(1) *Il-pussessur tal-kambjala ma jistax jirrifjuta li jirċievi mingħand it-trattarju biċċa biss mis-somma msemmija fiha, ukoll meta l-kambjala tkun ġiet aċċettata mit-trattarju nnifsu, jew minn ħaddieħor, għas-somma kollha, imma l-pussessur għandu jipprotestaha għall-bqija.*

*(2) Iżda, dak li jkun ħallas biċċa ma jistax jitlob li l-kambjala tiġi ikkunsinnata lilu, imma hu jista' jitlob biss li s-somma li ħallas tiġi mniżżla fuq il-kambjala, u li tiġi ikkunsinnata lilu kopja tagħha bl-irċevuta tas-somma mħallsa*. "

Ikkonsidrat ukoll li skont l-artikolu 198 tal-Kap 13:

***"198.** (1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja. "*

Fil-kaz odjern din il-Qorti kif diversament presjeduta, u bil-kunsens tal-partijiet, hatret espert komputista biex jiddetermina l-ammont tal-pagamenti li saru akkont ta' dak dovut fuq il-kambjali mertu ta' din il-kawza. *Inoltre*, kif jghid **Vivante[2],** il-pagament jillibera d-debtur tal-kambjala in kwantu li jista' jigi sollevat fil-konfront tal-kreditur imhallas, bhala eccezzjoni personali izda ma jistax jigi sollevat f'kaz li l-kambjala tkun giet iggirata favur terzi.

F'dan il-kaz is-socjeta` attrici uriet li l-kambjali, li taghhom ippretendiet li tirriskwoti l-hlas, kienu ghadhom fil-pussess taghha. Kambjali dawn korrispondenti ghall-perijodu determinat, u kif jinghad fl-Artikolu 174 tal-Kodici tal-Kummerc meta "*kambjala tkun migbuda ghal zmien jew jum determinat ghandha tithallas fiz-zmien jew fil-jum fiha msemmija".*

Illi prova ta' pagament tispetta lis-socjeta` konvenuta (**Kollez. Vol. XXXV P III p 604)** b' kull wiehed mill-mezzi stabbiliti mill-Kapitolu 12, purke' ikun mezz konvincenti. Huwa minnu li kieku s-socjeta` konvenuta hallset l-import tal-kambjali mertu ta' l-odjerna azzjoni kien fid-dover taghha li tesigi r-ritorn ta' l-istess kambjali bhala ricevuta dimostrattiva tal-pagament. Izda madanakollu s-socjeta` attrici rrikonoxxiet li s-socjeta` konvenuta ghamlet pagamenti akkont (*vide* **DOK MFA1** u dokumenti esebiti a **fol 137 sa 140** tal-process) izda ma kienx hemm qbil dwar l-allokazzjoni tal-pagamenti.

Fil-kaz odjern, is-socjeta` konvenuta ipprezentat prospett a fol 79 sa 91 tal-process li pero' juri zewg tipi ta'

---

[2]" *Trattato di Diritto Commerciali*"Vol.III*"Merci e Titoli di Credito".p 458 para 1280, p 555 para 1373*

pagamenti, cjoe' dawk li saru mis-socjeta` Pyramid Hotels Limited u l-ohra mis-socjeta` Lapsi Holdings Limited, u dan meta l-kawza odjerna titratta biss dwar kambjali accettati mis-socjeta` konvenuta.

Dwar dan xehed ukoll **Charles Camilleri** quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta[3] izda ghalkemm jirrizulta li saru pagamenti favur is-socjeta` attrici, ma jistax jinghad fic-cert jekk dawn il-pagamenti sehhew kontra l-kambjali mertu ta' dawn il-proceduri. Difatti ix-xhud qal li l-kambjali ma gewx ritornati u seta' jghid li kienu saru bhala pagamenti fuq il-kambjali biss minhabba l-portata taghhom - Lm5,000 -il wiehed, jew zewg cekkijiet ta' Lm2500-il wiehed, li huma l-ammonti ta' kull kambjala.

Riferibbilment ghal din l-eccezzjoni, il-Qorti taghmel taghha il-konkluzjonijiet tal-perit komputista s-Sur John Bonnici, fejn jirrizulta li l-istess espert tekniku ghamel riferenza ghax-xhieda ta' **Marvic Fenech Adami,** *financial controller* tas-socjeta` attrici. Fin-nuqqas ta' provi ohra migjuba mis-socjeta` konvenuta, hu qaghad fuq l-allokazzjoni tal-pagamenti kif jirrizultaw mid-dokument immarkat bhala **DOK MFA1** bhala l-bazi tal-komputazzjoni tieghu ridott ghall-ammont mitlub f'din il-kawza, kif ukoll hadem l-imghaxijiet dovuti**.** Anke l-istess socjeta` konvenuta ammettiet li "*the allocation of payments may be different to that indicated below"* fil-lista esebita minnha a fol. 79 tal-process kif gie kkonfermat ukoll mix-xhud Marvic Fenech Adami, u dan minhabba li min kien qed jaghmel il-pagamenti ghan-nom tas-socjeta` konvenuta ma kienx jaghmel ir-referenza necessarja.

Fil-fatt skont id-**Dok. "MFA 1"** esebit a fol. 136 tal-process, jidher li kien intlahaq ftehim li l-ammont dovut fil-31 ta' Ottubru 1998 fuq ix-xoghol mertu ta' din il-kawza kien ta' Lm116,640, u dan bla ma ttiehdu in konsiderazzjoni imghax u spejjez gudizzjarji. Kif korrettament indikat mill-Espert, l-ispejjez gudizzjarji ma gewx likwidati u lanqas huma mertu tal-proceduri odjerni.

[3] Seduta tal-1 ta' Marzu 2002 a fol.93 et seq.

Rigward l-imghaxijiet komputati, il-perit komputista l-ewwelnett ha bhala bazi l-kambjali mertu ta' din il-kawza, li jammontaw ghall-Lm105,000 u mhux Lm116,640 u, *inoltre,* gustament l-istess perit tekniku ghamel aggustament b'dan li l-interessi dovuti kellhom jigu kkalkulati mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjala u mhux fuq l-ammont kollu dovut fuq ix-xoghol li kien sar.

Kif inghad fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Gatt MBE vs Francis Vella"** (A.K.XXXII.i.505 – 28 ta' Frar 1994):-

*"L-interessi huma dovuti mill-gurnata li fiha l-obbligazzjoni kellha tigi adempita jekk din hija ta' natura kummercjali…".*

L-abbli perit tekniku ta spjegazzjoni tal-komputazzjoni tieghu tal-imghaxijiet fil-para 9.7 tar-relazzjoni tieghu kif murija fid-dettall fid-dokument mehmuza mar-relazzjoni a fol. 131 sa 133 tal-process.

B'konsegwenza tar-rizultanzi tieghu, fir-relazzjoni tieghu pprezentata fir-Registru fid-19 ta' Settembru 2006 u mahluf *seduta stante* fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2007, l-Espert komputist ikkonkluda illi:-

*"Jirrizulta li fid-data tac-citazzjoni l-kambjali kollha kienu skadew u kien ghad fadal x'jithallsu fuqhom Lm87,606.58 barra minn imghax ammontanti ghal Lm9,946.28. Barra minn dan irid jithallas fuq is-somma ta' Lm87,606.58 imghax ta' 8% per annum mid-data tac-citazzjoni sa l-effettiv pagament ".*

Din il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija, qed taccetta u taghmel taghha r-rapport tal-Perit Espert John Bonnici bhala parti integrali ta' din id-decizjoni.

L-istess abbli perit irrileva fir-rapport li s-socjeta` attrici naqqset li tinkludi fit-talba taghha l-kambjali skadenti fis-16 ta' Awwissu 1999 u fis-16 ta' Settembru 1999. Dawn jissemmew fil-premessi u fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni.

**Ikkonsidrat** fuq dan il-punt li jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ma ssollevat ebda eccezzjoni fir-rigward.

**Ikkonsidrat** ukoll li il-prassi ricenti skont il-gurisprudenza kostanti, anke abbazi tal-emendi maghmula bl-**Att XXIV tan-1985,** inkluz dawk kontenuti fl-**artikolu 175 tal-Kap 12,** hija li *"l-formalizmu esagerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu"* (**"Charles Fino vs Alfred Fabri noe"** (A.C. 28 ta' Frar 1997), u konsegwentement *"l-atti jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli"* (**"Dr. Joseph Ellul vs Jos. G. Coleiro"** (A.C. 24 ta' Jannar 1964).

Fil-kaz odjern, il-Qorti mhiex rinfaccjata b'eccezzjoni ta' nullita' imma b'karenza li tidher cara li kienet *lapsus* fit-talbiet. Kemm mill-premessi dedotti fic-citazzjoni, kif ukoll mid-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni, jirrizulta minghajr ebda ekwivoku li l-oggett tal-kawza huma l-wiehed u ghoxrin kambjala, li kopji ta' dawn gew anke annessi mac-citazzjoni, u l-originali taghhom esebiti fl-atti fil-kors tal-kawza. Is-socjeta` konvenuta accettat dawn l-atti minghajr oggezzjoni u l-kawza giet trattata fuq dawn il-kambjali kollha.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tiggudika l-kaz fuq il-wiehed u ghoxrin kambjala li wkoll jifformaw parti mill-konsiderazzjonijiet tar-rapport tekniku.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel tliet eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, u tilqa' in parti r-raba' eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta biss in kwantu hija konsistenti ma' dak hawn deciz, u

**Tilqa' t-tieni talba attrici** ghall-hlas ta' Lm105,000 (€244,584.21) izda kif ridotta ghall-ammont ta' mitejn u erbat elef, u tmienja u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€204,068.43) gja sebgha u tmenin elf, sitt mija u sitt Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu

(Lm87,606.58) u **tikkundanna** lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' mitejn u erbat elef, u tmienja u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€204,068.43) bilanc minn somma akbar rapprezentanti import ta' wiehed u ghoxrin kambjala tal-valur ta' hamest elef (Lm5,000) -il wahda, liema kambjali, skadew u saru dovuti rispettivament fl-1 ta' Gunju 1998, fil-15 ta' Gunju 1998, fis-16 ta' Gunju 1998, fl-1 ta' Lulju 1998, fil-15 ta' Lulju 1998, fis-16 ta' Lulju 1998, fl-1 ta' Awwissu 1998, fis-16 ta' Awwissu 1998, fl-1 ta' Settembru 1998, fis-16 ta' Settembru 1998, fl-1 ta' Ottubru 1998, fis-16 ta' Ottubru 1998, fl-1 ta' Novembru 1998, fis-16 ta' Novembru 1998, fis-16 ta' Dicembru 1998, fis-16 ta' Jannar 1999, fis-16 ta' Frar 1999, fis-16 ta' Marzu 1999 u fis-16 ta' Lulju 1999, fis-16 ta' Awwissu 1999 u fis-16 ta' Settembru 1999 (Doks.  A1 - A21) mertu tac-citazzjoni attrici**.**

Bl-imghax legali ammontanti ghall-tlieta u ghoxrin elf, mija u tmienja u sittin ewro u sittin centezmu (€23,168.60) (gja disat elef, disa mija u sitta u erbghin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (*Lm9,946.28),* kif indikat fir-relazzjoni ta' l-espert komputista, u bl-imghax legali ulterjuri ta' tmienja

fil-mija (8%) mid-data tac-citazzjoni attrici sal-effettiv pagament fuq is-somma hawn indikata ta’ mitejn u erbat elef, u tmienja u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€204, 068.43) kontra s-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez ta’ din il-kawza jinqasmu kwantu ghall-terz (1/3) mis-socjeta` attrici u zewg terzi (2/3) mis-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------